MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 751/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
GLENN VELLA
SAMUEL BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Glenn Vella, ta' 23 sena, iben John u Louise nee' Camilleri, imwieled Siema nhar il-21 ta' Lulju 1980 u li joqghod 26, Maple Leaf, Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann, u li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 434780(M), kif ukoll lil Samuel Borg, ta' 16-il sena, iben Ronald u Rita nee' Ellul, imwieled Pieta', nhar l-10 ta' Settembru 1986, u li joqghod Binja Indipendenza, Entratura F, Flat 8, Taz-Zwejt, San Gwann, u li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 434286(M), billi intom akkuzati talli nhar il-25 ta' Mejju 2003, u matul il-hmistax-il jum ta' qabel din id-data,

f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti, maghmulin, ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. F’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn is-sitta ta’ filghaxija tas-17 ta’ Mejju 2003, u d-disgha ta’ filghodu tal-20 ta’ Mejju 2003, f’dawn il-Gzejjer ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ apparat tan-navigazzjoni, aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira (Lm1000), bil-hin, kif ukoll bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta’ Simon Charles Zammit mis-Swieqi;
2. Kif ukoll f’dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta’ Mejju 2003, f’xi hin bejn is-sebgha ta’ filghaxija u d-disgha ta’ filghaxija, ikkommettew serq ta’ oggett u cioe’ qasba tas-sajd, li huwa aggravat bil-hin u bil-mezz;
3. Kif ukoll nhar il-25 ta’ Mejju 2003, waqt li kienu San Gwann, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ mobile phone, quick cash card, visa card, u affarijiet ohra, aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltija (Lm1000), kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, li sar ghad-detriment ta’ Karen Camilleri minn San Gwann u/jew persuni ohra;
4. Kif ukoll talli nhar il-25 ta’ Mejju 2003 u fil-jiem ta’ qabel din id-data xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom u jmexxuhom;

U Samuel Borg wahdu, qed jigi akkuzat talli f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn il-25 ta’ Mejju 2003 u s-sentejn ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ pakkett tas-sigaretti, aggravat bin-natura tal-haga misruqa, li sar ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa.

U fl-ahhar nett Glenn Vella wahdu, qed jigi akkuzat talli nhar il-25 ta’ Mejju 2003, u fil-jiem ta’ qabel din id-data, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati mill-Qrati ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati tal-5 ta' Novembru 2003.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 334, 49 u 50 tal-Kap 9, Artiklu 7 u 9 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn, taht is-sorveljanza ta' probation officer. Ghal dan il-ghan, il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services, sabiex japponta probation officer biex jissorvelja lill-imputati.

Il-Qorti in oltre, tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Probation Services u tal-probation officer li ser ikun nominat ghal Glenn Vella illi l-istess imputat Vella ser jibda' programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi mal-Caritas fi zmien gimgha mill-lum, u li wahda mill-kundizzjonijiet li ghandha tigi mposta fuq l-imputat hija illi l-imputat Vella jibda' u jispicca dan il-programm residenzjali sabiex jeghleb id-dipendenza li ghandu fuq id-drogi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------